## QORTI CIVILI (Sezzjoni tal-Familja)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 31 ta' Ottubru 2017**

Rikors Guramentat Nru. 288/03RGM

Kawza fil-lista: 7

**A B f'isimha proprju**
**u bhala kuratrici *ad litem* ta' uliedha minuri EC u D ahwa B**
**vs**
**E B**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici li permezz taghha ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Peress illi l-partijiet izzewgu f'Malta fl-1989 u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal, EC u D ahwa B li ghadhom minorenni kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

U peress illi l-hajja mizzewga tal-kontendenti saret impossibli minhabba sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenut kontra l-attrici u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

U peress li l-attrici, ghal dawn il-motivi, talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni sabiex tipprocedi f'dina l-istanza permezz ta' Digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003);

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, jghid il-konvenut ghaliex:

(1) M'ghandhiex tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B minhabba sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenut kontra martu u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

(2) M'ghandhiex l-attrici tigi fdata bil-kura u kustodja tal-minuri EC u D ahwa B salv l-access favur il-konvenut stabbilit fl-ahjar interess tal-minuri;

(3) M'ghandhiex din il-Qorti tiffissa retta alimentarja ghaliha u ghal wild minuri msemmija u tordna lill-konvenut ihallasha dik ir-retta hekk stabbilita, b'dawk il-modalitajiet kollha li jidhrulha xierqa;

(4) M' ghandhomx jigu applikati kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 48, 51, 53 u 54** tal-**Kodici Civili** (**Kap**. **16**) *in toto* jew *in parte* ;

(5) M'ghandhiex tigi ddikjarata xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu divizi bejn il-partijiet, okkorrendo b'opera ta' perit *nominandi* sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi din l-Onorabbli Qorti tistabilixxi data u tordna li l-akkwisti li jkunu saru bix-xoghol u hila tal-attrici minn dik id-data 'l quddiem, jibqghu biss a beneficcju taghha, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

(6) Tordna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici l-beni parafernali u dotali taghha.

(7) Tawtorizza lill-attrici sabiex tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-attrici kontra l-konvenut li kien ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li taqra kif gej:-

(1) Illi l-ewwel talba attrici, in kwantu qed tintalab is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, ma hijiex opposta mill-esponent, salv illi l-htija ghal din is-separazzjoni hija attribwibbli interament lill-attrici martu;

(2) Illi t-tieni talba hija kontestata, fis-sens illi l-kustodja u l-kura tat-tfal minuri ghandha tkun kongunta bejn il-genituri; b'dana illi l-esponent jirrikonoxxi illi l-istess tfal minuri ghandhom jirrisjedu mal-omm, salv li jigi stabbilit access favur l-esponent lejn uliedu minuri;

(3) Illi t-tielet talba attrici, in kwantu qed tintalab retta alimentari ghall-istess attrici, hi kontestata mill-esponent, sew ghaliex l-attrici ghandha mezzi sufficjenti sabiex tmantni familja shiha, inkluz l-istess esponent, u sew ghaliex l-esponenti m'ghandu l-ebda mezz ta' introjtu jew dhul iehor; oltre li l-attrici bl-agir taghha ddekadiet minn kull dritt li titlob u tircievi manteniment minghand zewgha l-esponent;

(4) Illi t-tielet talba attrici, in kwantu qed tintalab retta alimentarja ghall-ulied minuri, hija wkoll kontestata mill-esponent illi, kif gia' inghad, m'ghandu l-ebda mezz ta' introjtu jew dhul iehor sabiex jaghmel dan;

(5) Illi r-raba' talba attrici timmerita illi tigi respinta fl-intier taghha, billi ma jezistux r-ragunijiet kontemplati mill-Ligi ghall-applikazzjoni tal-artikoli citati fil-konfront tal-esponent;

(6) Illi l-hames talba ma hijiex kontestata, sakemm l-attrici qieghda titlob ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u l-likwidazzjoni ezistenti bejn il-konjugi l-

likwidazzjoni u divizjoni tal-assi komprizi fl-istess komunjoni, kif lanqas ma hi opposta t-talba ghan-nomina ta' Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att relattiv; b'dan illi l-esponent jikkontesta t-talba attrici sabiex tibbenifika esklussivament minn xi akkwist partikolari, sew ghaliex ma jezistux akkwisti fil-komunjoni li saru bix-xoghol u hila tal-attrici u sew ukoll ghaliex, fi kwalunkwe kaz, ma jezistux ragunijiet sufficjenti fil-ligi sabiex l-istess attrici tibbenefika esklussivament minn xi akkwisti fil-komunjoni; oltre li l-istess esponent jikkontendi li dina l-Onorabbli Qorti ghandha, ghall-kuntrarju, tistabbilixxi data u tordna li dawk l-akkwisti li jkunu saru bix-xoghol u hila tal-esponent minn dik id-data l' quddiem ghandhom jibqghu biss ghall-beneficcju tal-esponent wahdu;

(7) Illi s-sitt talba attrici hija kontestata, billi l-attrici mhux biss hadet il-beni parafernali kollha taghha izda talli dahlet b'mod klandestin fid-dar matrimonjali u hadet pussess illegali ta' oggetti appartenenti lill-komunjoni u oggetti ohra ta' proprjeta' parafernali tal-esponent, f'kull kaz minghajr il-kunsens tal-esponent;

(8) Illi s-seba' talba attrici hija kontestata, sew ghaliex kienet l-istess attrici li abbandunat id-dar konjugali minghajr ebda raguni valida, u sew ghaliex fi kwalunkwe kaz l-istess attrici illum stabbiliet ir-residenza fissa u ordinarja taghha flimkien mal-ulied minuri f'post iehor, filwaqt illi l-esponent ma ghandux fejn imur jabita band' ohra;

(9) Illi ghall-istess ragunijiet hawn fuq spjegati, l-attrici ghandha tigi kkundannata li thallas l-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni u tal-kontro-talba dedotta mill-esponent.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li taqra kif gej:-

Peress illi l-kontendenti zzegwu Malta fid-29 ta' Lulju 1989 u ghandhom zewgt itfal, EC u D ahwa B li t-tnejn ghadhom minorenni;

Peress illi l-hajja mizzewga tal-kontendenti m'ghadhiex aktar possibli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, ingurji gravi, minacci, abbandun tad-dar u l-hajja konjugali, kommessi mill-attrici, oltre li ghaliex z-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, tghid l-attrici ghaliex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

(1) tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B minhabba ragunijiet u htijiet kommessi mill-attrici kontra zewgha u minhabbali z-zwieg tkisser irrimedjabilment;

(2) tafda l-kura u kustodja tal-minuri EC u D ahwa B, lill-konjugi kontendenti b'mod kongunt bejniethom, oltre li tiffissa u tistabbilixxi access favur il-konvenut fl-ahjar interess tal-minuri, fl-eventwalita' illi l-istess Onorabbli Qorti tordna li t-tfal minuri ghandhom jirrisjedu mal-omm;

(3) tiffissa retta alimetarja ghall-konvenut u ghall-ulied minuri imsemmija, u tordna lill-attrici thallas lill-konvenut dik ir-retta hekk stabbilita favur l-istess konvenut, b'dawk il-modalitajiet kollha li jidhrulha xierqa;

(4) tapplika kontra l-imsemmija attrici l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kodici Civili (1984 ed.) *in toto* jew *in parte*;

(5) tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu divizi bejn il-partijiet, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi l-Onorabbli Qorti tistabilixxi data u tordna l-akkwisti li jkunu saru bix-xoghol u hila tal-konvenut minn dik id-data 'l quddiem, jibqghu biss a beneficcju tal-istess konventu, u billi jigi nominat Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

(6) tordna lill-attrici sabiex, fiz-zmien perentorju li jigi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, tirrestitwixxi lill-konvenut il-beni parafernali tieghu, kif ukoll dawk l-oggetti li jappartjenu lis-socjetà kummercjali illi taghha hu r-rapprezentant legali;

(7) tawtorizza lill-konvenut sabiex jabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-attrici.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-attrici, kontra l-istess attrici li minn issa tibqa' ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet rikonvenzjonali tal-attrici li taqra kif gej:

(1) Illi l-ewwel talba rikonvenzjonali ghandha tigi michuda bl-ispejjez in kwantu insostenibbli fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti ma kinitx hatja ta' ebda htijiet fil-konfront ta' zewgha li jwasslu ghall-separazzjoni personali, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

(2) Illi t-tieni talba rikonvenzjonali ghandha wkoll tigi michuda stante li huwa fl-ahjar interess tal-minuri li jigu fdati fil-kura u kustodja esklussiva tal- eccipjenti;

(3) Illi t-tielet talba rikonvenzjonali ghandha wkoll tigi michuda stante li l-attrici mhix obbligata bil-Ligi li tivversa l-ebda forma ta' manteniment lill-konvenut filwaqt li ghandu jkun hu li jigi ordnat li jhallas il-manteniment ghaliha u ghal uliedhom minuri;

(4) Illi r-raba' talba rikonvenzjonali ghandha tigi michuda stante li l- eccipjenti ma ghamlet xejn li skont il-Ligi jiggustifika li jigu applikati kontriha l-artikoli msemmija;

(5) Illi hemm qbil dwar il-hames talba rikonvenzjonali in kwantu li l-komunjoni tal-akkwisti tigi xolta u l-assi divisi skont il-Ligi u l-ekwita` purche` li l-konvenut ma jkollu ebda sehem mill-akkwisti maghmulin mill-eccipjenti kif jirrizulta fit-trattazzjoni;

(6) Illi s-sitt talba rikonvenzjonali hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda;

(7) Illi s-seba' talba rikonvenzjonali hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt u hi l-eccipjenti li ghandha tigi awtorizzata tabita fid-dar matrimonjali kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

(8) Bl-ispejjez tal-proceduri rikonvenzjonali kontra l-konvenut.

(9) Illi bla pregudizzju l- eccipjenti m'ghandhiex tbati l-ispejjez tas-Sekond' Awla li gew istitwiti irregolarment.

(10) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavit tal-attrici anness ma' nota pprezentata fis-16 ta' Dicembru 2003;

Rat l-affidavit tal-konvenut E B, ta' ohtu Kathleen Borg Olivier u ta' ohtu Paula Monpalao dePiro annessi ma nota pprezentata fis-16 ta' Dicembru 2003;

Rat l-affidavit ta' Kristoff B anness ma nota pprezentata fit-18 ta' Dicembru 2003;

Rat l-affidavit ta' Silvana Coster anness ma' nota pprezentata fit-8 ta' Jannar 2004;

Rat l-affidavit tal-konvenut anness ma' nota pprezentata fit-18 ta' Novembru 2011;

Rat n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici pprezentata fit-23 ta' Jannar 2014, u dik tal-konvenut ipprezentata fis-17 ta' Gunju 2014;

Rat n-nota tal-osservazzjonijiet tal-attrici pprezentata fil-31 ta' Mejju 2016 u dik tal-konvenut ipprezentata fil-25 ta' Awwissu 2016;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dottor Ramona Frendo mahlufa fil-15 ta' Novembru 2016;

Rat in-nota ta’ mistoqsijiet tal-attrici lill-Perit Legali pprezentata fis-7 ta’ Marzu 2017;

Rat x-xhieda tal-Perit Legali, in eskussjoni, li xehdet fis-seduta tat-23 ta’ Mejju 2017 meta il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

IL-PROVI.

L-attrici pprezentat affidavit anness ma’ nota pprezentata fis-16 ta’ Dicembru 2003,[1] u xehdet ‘viva voce’ fis-seduti tal-14 ta’ April 2008, tal-20 ta’ Ottubru 2009 u tas-26 ta’ April 2010, mizmuma mill-Perit Legali.

Hi kkonfermat li kellha dsatax(19) il-sena meta ltaqghet mal-konvenut, li f’dak iz-zmien kien qieghed fi proceduri ta’ annullament tal-ewwel zwieg tieghu. Xtraw id-dar fil-Gharghur meta kienu ghadhom gharrajjes u nxtrat f-isem l-attrici peress li l-konvenut kien ghadu ma sseparax minn mal-ewwel mara tieghu.

Il-konvenut kien insista mal-attrici li jintrabtu b’att pubbliku li hi kellha ccedi d-dar b’titolu ta’ enfitewsi favur il-konvenut. Id-dar kellha bzonn hafna spejjez u ftehemu li dawn jithallsu mill-attrici u l-konvenut jixtri appartament f’isimha.
L-attrici ghamlet ‘loan’ mal-Lombard Bank, nefqet l-flus kollha li kienet faddlet, u kienet thallas il-loan minn flusha.

Il-genituri tal-attrici kienu t-tnejn mejtin u l-konvenut kien gabha f’posizzjoni li kienet tiddependi minnu biex jkollha fejn toqghod, ghalkemm kienu ghadhom ma zzewwgux. Il-konvenut baqa’ ma xtarax l-appartament li kien wieghdha, u kien jghidilha li ma kienx ser jixtrih biex hi ma jkollhiex fejn tmur hlief mieghu.
Il-konvenut kien ripetutament jheddida li seta’ jitfaghha ’barra mid-dar meta jrid, u dan kien jghidulha kemm meta kienu ghdhom gharajjes, kemm wara li twieldet t-tifla , kif ukoll wara li zzewgu. Kienet tghix f’ambjent ta’ biza’ kontinwu billi kienet taf li l-konvenut kien jasal biex jkecci lilha u lill-uliedha mid-dar.

[1] Fol 34.

L-attrici kienet tissuspetta li ma kienx fidili lejha u tghid li l-konvenut ammetta maghha li meta kienu gharajjes kien mar ma' nisa ohra fosthom Deborah Azzopardi u Tanya Vella.

Waqt l-gherusija, il-konvenut kien jghid li ma riedx tfal peress li kellu tnejn mill-ewwel zwieg tieghu; l-attrici riedet it-tfal u kellhom tarbija waqt l-gherusija, EC, u wara z-zwieg kellhom it-tieni tarbija, D.

L-attrici tiddeskrivi lill-konvenut bhala bniedem nervuz, possessiv u jghir hafna ghaliha. Kellu ukoll il-vizzju tax-xorb zejjed. Kellu fissazzjoni li l-attrici kellha lill-haddiehor ghalkemm hi qatt ma' taghtu x'jifhem li kellha interess f'xi haddiehor.

Hu kien dejjem iwahhal fiha f'kull haga li tigri. Darba t-tifla waqghet fil-gnien, l-attrici kienet fil-kcina u l-konvenut kien mal-gardinar fil-gnien, u l-konvenut qaliliha li kien t-tort taghha li t-tifla waqqghet u weggghet u hu ma ridtx jmur l-Isptar u kellha tmur hi wahidha.

Kien hemm incident iehor meta t-tifel li kellu sitt snin dahhal idu fi hgiega u kellu bzonn il-punti. Il-konvenut kien qed jixrob, ma wera assolutament l-ebda interess u l-attrici kellha tiehu t-tifel l-Isptar, u hadet maghha lit-tifla EC, billi kienet taf li tfal ma kienux kuntenti joqghodu wahidhom ma' missierhom.

Kien hemm okkazzjoni ohra ta' indifferenza u irresponsabilita' da parti tal-konvenut meta t-tifel, D, qamm bil-lejl bil-qtuh ta' nifs u l-attrici kellha titlaq tigri bih l-Isptar u l-konvenut ma marx.

Il-konvenut ma kienx jiggestixxi flusu b'mod responsabbli; kien jiftah negozju wara l-iehor u jinvesti flus kbar f'oqsma fejn ma kellu l-ebda esperjenza. Kien ghamel diversi 'loans' mal-Banek u pogga d-dar tal-Gharghur bhala garanzija. Kien jikkonvinci lill-attrici biex tiffirma ghal dawn il-loans.

Il-konvenut kien ghamel  negozju ma' xi nies fis-South Africa, u kien mar hemmhekk xi tlett darbiet. Kien hallas eluf ta' liri lil dawn in-nies tant li kien kostrett ibiegh xi propjeta'.  Kien ukoll ghamel xi negozju ma' certu Eleno Bezzina, li kien qalilha li kien sielef xi flus lill-konvenut.

L-attrici kkonfermat li l-konvenut kien jinsisti maghha li titlob ghall-flus minghand iz-ziju taghha, il-Perit Maurice Captur, li fil-fatt kien silef flus lill-konvenut f'diversi okkazzjonijiet, u l-konvenut ghad ghandu dejn kbir mieghu.
Il-konvenut kien ikkostringiha tpoggi l-investimenti taghha bhala garanzija ghad-dejn teighu.

Il-konvenut fetah ufficcju fid-dar, impjega segretarja u skont l-attrici kien hemm l-intimita' bejniethom.

L-attrici ssemmi bhala ezempji ta' irresposabilita' da parti tal-konvenut meta qabad u xtara 'yacht', kera propjeta' fl-Imriehel bil-kera ta' LM9,000 (€20,964.36) fis-sena; xtara ghamara li tiswa hafna flus minn ghand Fino li ma kellux bzonnha billi fil-fatt ma kellu l-ebda negozju.

L-attrici kienet kostretta tohrog tahdem biex tlahhaq mal-ispejjez tal-hajja. Kienet tghallem l-Ingliz lil studenti barranin u dahlet tahdem 'part time' ma' Grech & Co. Il-konvenut kien jesigi minnha li tixtrilu tlett fliexken imbid kulljum, sigarri u flixkun ' whisky', u taghtih flus ghall-'petrol'.

Hi kkonfermat li f'Mejju 1998 heddidha b'revolver ikkargat u immirat lejn rasha. Tant bezghet li lanqas kellha l-kuragg li tmur taghmel rapport lill-Pulizija.

Hi kienet fethet qalbha mat-tifel l-kbir tal-ewwel zwieg tal-konvenut, Kristoff B.

Fis-17 ta' Jannar 1999, il-konvenut beda jixrob minn filghodu, dakinhar kellu jmur jiekol ghandhom Kristoff B, li billi nqabad bix-xoghol cempel biex jghidilhom li kien ser jittradja. Il-konvenut ghamel xenata shiha u meta wasal ibnu Kristoff tant kien irrabbjat li lanqas ried jiekol maghhom. Waqt li kienu qed

jieklu, l-konvenut, agitat hafna dahhal fuqhom b'revolver, spara, laqghat il-mejda, il-bullet taret lejn il-hajt u spiccat hdejn saqajn l-attrici. Cemplu lil-Pulizija u ttiehdu proceduri kriminali kontra l-konvenut.

Incident iehor kien meta l-konvenut iggieled ma' bintu mill-ewwel zwieg, Krista B u deffsilha rasha gol-'freezer' u intervjeniet l-istess attrici biex twaqqaf lill-konvenut.

L-attrici ddikjarat li kien hemm incident iehor meta l-konvenut ipprova jaghmel suwicidju billi xorob flixkun Vodka u ha pakkett kalmanti. L-attrici sabitu mitluf minn sensieh u cemplet lill-ambulanza. Meta waslet l-ambulanza l-konvenut kien fi stat furjuz tant li l-haddiema tal-ambulanza bezghu u cemplu lill-Pulizija.L-attrici, wara dan l-incident telqghet mid-dar bit-tfal, izda wara erba' t'ijiem hafritlu u rritornat fid-dar.

It-tfal kienu mwerwrin mill-konvenut. EC, meta kellha tlettax (13) il-sena, kienet torqod fuq it-tarag biex tkun tista' tipprotegi lill-ommha.
Kellhom incident iehor meta l-konvenut pogga hadida tal-moghdija tahraq vicin wicc l-attrici u taha bil-ponn fuq wiccha. Hi marret l-Isptar u ghamlet certifikat pero' dan hadu il-konvenut.

L-attrici kkonfermat li l-konvenut kien hbielha il-passaport u xi 'credit cards' u kellha taghmel cards godda.
L-attrici semmiet ukoll incident meta t-tifla EC marret toqghod ghand oht il-konvenut, Kathleen Borg Olivier ghal xi ghaxar t'ijiem. Il-konvenut irrabbja hafna dwar dan u meta ra lil EC tas-Sliema fejn kienet marret tiekol, qabadha minn ghonqha u kaxkarha 'l barra mir-restaurant u xehhetha fil-karozza tieghu.

Wara dan l-incident it-tifla EC harbet mid-dar u l-attrici sabitha tigri fit-triq il-Gharghur.

L-attrici ddikjarat ukoll li hi u zewgha kienu fethu kont bankarju ghal binthom EC, li kien fih madwar LM550, izda il-konvenut qabad u ghalqu minnghajr ma qal lil hadd u ha il-flus.

Il-Perit Legali, dwar dan irrilevat li ma saret l-ebda prova dokumentarja.

L-attrici tghid li l-konvenut talabha c-cavetta taghha tas-safe, kien qalilha li tieghu kien tilifha. Irrizultalha li dan ma kienx minnu u hu biddel il-combination tas-safe biex hi ma tkunx tista' tifthu. Skonk l-attrici f'dan is-safe kien hemm affarjiet ta' valur propjeta' parafernali taghha u ohrajn tal-komunjoni.

Dwar dan il-Perit Legali rrilevat li ma saret ebda lista tal-oggetti li allegatament kienu f'dan is-safe, ghalkemm l-attrici pprezentat Dok A inventarju ta' varji oggetti ta' gojjellerija li wiehed jista' jassumi li dawn kienu fis-safe, pero' din tibqa' assunzjoni fl-assenza ta' provi aktar konkreti.

L-attrici tghid ukoll li l-konvenut serqilha curkett li jiswa hafna flus u li hi hasbet li kienet tilfitu. Gieghlha tiftah insurace claim, pero' ma thallsitx billi l-konvenut ma kienx baqa' jhallas il-premium. L-attrici tghid li f'Awwissu 2003 il-konvenut kien ammetta maghha li c-curkett kien hadu hu.

Fil-5 ta' Lulju 2000 il-konvenut xorob hafna alkohol u hedded lill-attrici b'sikkina fil-presenza tan-neputi tieghu, Nikolai Borg Olivier. L-attrici u uliedha tkeccew mid-dar, izda l-konvenut lanqas hallieha tiehu l-affarjiet bazici u hadilha l-gojjellerija li kienet liebsa, arlogg, katina, curkett u brazzuletta. Hadilha c-cavetta tad-dar u qasamha b'mannara. L-attrici ghamlet rapport l-Ghassa tan-Naxxar dwar dan, pero' r-rapport ma giex ipprezentat.

Wara dan l-incident l-konvenut beda jghix hajja ta' divertiment u beda jberbaq il-flus. Darba ltaqghu biex jiddiskutu s-sitwazzjoni taghhom, il-konvenut qalilha li kien qed ibiegh l-ghamara tad-dar u li kien ser jaghtiha LM1,000, pero' qatt ma taha xejn.

Meta l-attrici xehdet fl-14 ta' April 2008 ikkonfermat li qatt ma rceviet manteniment ghat-tfal minghand il-konvenut, hlief meta kien gie ikkundannat mill-Qorti Kriminali biex ihallasha LM1,300 li minnhom hallas biss LM800.

Meta xehdet fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2009 ikkonfermat li kienet ilha tahdem minn 1998 bhala segretarja u assistenta personali tad-direttur ma' Grech and Company Limited u kellha paga gross ta' €700 fix-xahar, cioe' bejn €635 u €640 net fix-xahar.

L-attrici f'dak iz-zmien kienet tghix fl-appartament 15, Verdala Court, St. George's Park, St Julian's propjeta' taz-ziju taghha il-Perit Maurice Captur u ma kinitx thallas kera, ghalkemm qalet li ma kellhiex garanzija li tibqa' hemm kemm-il darba jigi nieqes hu. It-tfal kienu jghixu mal-attrici.

Il-karozza li kienet issuq kien ukoll tahielha z-ziju meta hu biddel il-karozza tieghu. Iz-ziju kien ihallsilha l-manutenzjoni tal-appartament u tal-karozza u l-kontijiet tat-telephone, dawl u ilma. Hi kienet thallas ghall-pertrol.

Wara li l-partijiet isseparaw 'de facto' iz-ziju kien ihallas ukoll donations tal-iskola u spejjez edukattivi tat-tfal. It-tifel D kien imur St Edward's College u l-mizata kienet xi LM400 kull term; t-tifla kienet tmur St. Joseph's Convent, Sliema.

Kemm iz-ziju kif ukoll uliedu, il-kugini tal-attrici kienu jaghtuha xi flus biex tkun tista' tlahhaq mal-ispejjez tal-hajja. Ma kellha l-ebda kont bankarju billi kieku kellha flus il-Bank kienu jigu sekwestrati.

Il-vettura Citroen ZX li kienet f'isimha u li kienet tuza fiz-zwieg kien xtraha d-Direttur tax-xoghol taghha, George Grech ghal-habta tat-2002 bil-prezz ta' LM1,000. Dawn il-flus l-attrici uzathom biex thallas l-iskola tat-tifel D. Il-vettura kienet nxtrat gdida bil-prezz ta' LM6,500.

Meta l-attrici tkecciet mid-dar z-ziju taghha kien krielha appartament u sena wara ddecida li jixtri appartament fl-istess block u l-attrici marret tghix fih.

Meta xehdet fis-seduta tas-26 ta' April 2010 l-attrici kkonfermat li kemm ilha separata 'de facto' wirtet lill-kugin ta' missierha, Eddie Richards, li miet f'Settembru 2000. Sehemha kien ta' LM 15,000(€34,940.60). Marret vaganza il-Kanada u halliet xi flus hemm. Il-bqija tal-flus kien gabhom Malta kugin taghha , u bihom xtrat xi affarjiet ghad-dar fosthom kompjuter.

Wara li l-attrici tkecciet mid-dar, billi halliet affarjiet parafernali taghha, f'Novembru 2001 kienet dahlet fid-dar matrimonjali biex tiehu lura dawn l-affarjiet meta l-konvenut ma kienx hemm. Dwar dan l-incident l-attrici kienet nstabet hatja ta' ragion fattasi, mill-Qorti Kriminali tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Joseph Apap Bologna b'sentenza tat-30 ta'Ottubru 2007. L-attrici ma kinitx giet akkuzata ta' serq, u mid-dar hadet dining room set, chest u senduq li kienu ta' ommha. Hadet ukoll bicciet tac-china, sufan u zewg pultruni, li kienu nxtraw meta kienu ghadhom gharajjes.

Dwar vaganzi l-attrici ddikjarat li ssiefer darba jew darbtejn fis-sena, pero' generalment ihallsulha tal-familja.

Wara li sseparat 'de facto' kienet gibdet l-ammont ta' LM5825 minn kont fl-APS Bank. Dawn kienu flus parafernali li l-konvenut kien uza biex jixtri dghajsa waqt iz-zwieg. Il-flus hi nefqithom fuq l-edukazzjoni tat-tfal u htigijiet ohra.

Dwar kontijiet bankarji l-attrici ddikjarat li ma kinitx taf jekk kienux f'isimha, personalment jew joint mal-konvenut. Hi kellha cheque book li kienet tuzah, pero' wara s-separazzjoni 'de facto' l-kontijiet kollha kienu gew iffrizati u ma tiftakarx kemm kienet sbankat flus.

Dwar kontijiet bankarji barra minn Malta, ddikjarat li kellha kont wiehed li kien fih xi GBP1000, li minnu kienet thallas Life Policy, pero' dan il-kont kien nghalaq. Din l-polza kienet saret fuq insistenza ta' zewgha biex din tkun ta'

garanzija ghas-self li ghamel mal-Lombard bank. Il-Bank spicca ghamel ‘call in’ tal-loan u ha il-Polza, billi l-konvenut kien moruz fil-pagamenti. Il-konvenut dwar dan ma kien qalilha xejn.

Il-konvenut ipprezenta affidavit fis-16 ta’ Dicembru 2003,[2] ipprezenta affidavit ulterjuri fit-18 ta’ Novembru 2011,[3] u xehed f’diversi seduti mizmuma mill-Perit Legali. Hu kkonferma li l-attrici telqet mid-dar matrimonjali flimkien maz-zewgt itfal fil-5 ta’ Lulju 2000. Hu kien ilu f’relazzjoni mal-attrici ghal 23 sena. Huma zzewgu fin-1989. Hu jghid li kellhom relazzjoni tajba izda xi tlett snin qabel l-attrici telqet mid-dar konjugali skopra li kienet tqila u hu kien cert li ma’ kienx missier t-tarbija billi kien ilhom xi hames jew sitt xhur ma jkollhom rapporti sesswali. Dan kien f’Lulju 1997. Kien qalilha biex tara x’ser taghmel billi kien zgur li t-tarbija ma kinitx tieghu. Il-konvenut ddikjara li l-attrici ddecidiet li taghmel abort f’Londra u fit-18 ta’ Lulju 1997 marret taghmel abort f’St Anne’s Clinic, Londra. Hu ghamel referenza ghal Dok XT7, kopja tal-passaport tal-attrici, u ddikjara li ma kienx jaf min kien il-missier involut f’dik it-tqala.

Il-konvenut baqa’ jghix fid-dar konjugali fil-Gharghur wara li l-attrici kienet telqet mid-dar, pero’ hu jghid li sa Awwissu 2002 kienet tmur tarah ta’ spiss u tohodlu l-ikel imsajjar ghalih u anke ghall-klieb li kellhom. Hi pero’ ma riditx turi, lit-tfal u liz-ziju, li kienet tmur hemm u ghalhekk kienet tipparkja il-vettura taghha xi erba’ kantunieri ’l boghod.

Il-konvenut iddikjara li d-dar matrimonjali Tal-Kurrier, Triq il-Kbira, Gharghur hi propjeta’ parafernali tieghu billi kien xtraha bi flusu hamsa u ghaxrin sena qabel ma sar l-affidavit. Il-propjeta’ kienet giet trasferita fuq socjeta’ kummercjali tieghu, Ta’ Kra Holdings Limited, fejn iz-zewgt itfal tal-partijiet huma azzjonisti. Dan sar biex jigu eskluzi t-tfal li l-konvenut kellu mill-ewwel zwieg.

Hu jghid li ma riedx li z-zwieg jispicca u kien jinvolvi lill-attrici anke fin-negozju. Qabel ma telqet mid-dar l-attrici kienet ser tibda tiehu hsieb l-importazzjoni u

[2] Fol 87 et seq.
[3] Fol 228 st seq.

distribuzzjoni ta' Electrical u Mechanical Equipment li kienet timporta wahda mis-socjetajiet kummercjali tal-konvenut. Hu jghid li martu ordnat ghamara minn ghand Fino ghall-valur ta' LM3,000.

Jghid li ftit wara li beda jinvolviha fin-negozju wafqet f'daqqa u marret tahdem bhala segretarja ' part time' ma' Grech & Co. Limited u kienet taqla' LM4 fis-siegha.

Hu jghid li sena qabel isseparaw 'de facto' hi kienet tinstiga l-glied u tipprovoka lill-istess konvenut.

Dak iz-zmien hu kien sejjer tajjeb bin-negozju, biex ikabbar akkwista sit gdid l-Imriehel, kien ikun ghajjien meta jirritorna d-dar u ma kienx jaghti kaz tal-ilmenti kontinwi tal-attrici.

Hu jsostni li qatt ma refa' idejh fuq martu u lanqas fuq iz-zewg uliedhom. Jekk it-tfal kienu imbezzghin dan kien minhabba il-kliem ingurjuz tal-attrici fil-konfront tieghu.

Il-konvenut ghamel referenza ghad-Dok KB1, rendikont bankarju ta' Kurrier Developments Limited, mal-APS Bank Limited; Dok KB3 kopja ta' ittra minn ghand il-Bank of Valletta dwar d-djun tal-kumpaniji tal-konvenut; u Dok KB10 kopja ta' kostituzzjoni ta' debitu mal-APS Bank Limited, u ddikjara li n-negozju tieghu falla kompletament. Ma kienx jikkwalifika ghall-beneficcji socjali u ghalhekk kien kostrett li jbiegh mobbli propjeta' tieghu u jissellef flus minghand hutu u missieru.
Il-konvenut kellu opportunita' jbiegh sehem indiviz ta' propjeta' derivanti mill-wirt tan-nannu tieghu, sehemu kien ta' LM1,844. Minn dan l-ammont kien kostrett ihallas LM1,000 lil Bank of Valletta plc in riduzzjoni permanenti ta' dejn tal-komunjoni, LM 700 lill-attrici bhala arretrati ta' manteniment ghall-uliedhom, skont il-konvenut martu kienet lesta li twaqqaf il-bejgh jekk ma tinghatax dan l-ammont, u ghalhekk il-konvenut kien fadallu biss l-ammont ta' LM144.

Sa Settembru 2002 il-partijiet kienu debituri tal-Lombard Bank fl-ammont ta' LM 4586. Ftit qabel l-ammont minnhom dovut kien ta' LM21,000, u gie ridott billi l-konvenut sarraf poloz tal-assikurazzjoni fuq il-hajja, wahda minnhom kienet f'isem l-attrici izda kienet tithallas minn kont komuni tal-partijiet.

Fil-31 ta' Awwissu 2001 il-partijiet iffirmaw skrittura mal-APS Bank Limited fejn nghatat ipoteka u l-partijiet accettaw li jbieghu il-lancia li kellha valur ta' LM12,000 u kienet tippartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti. Mir-rikavat l-ammont ta' LM3,000 kellu jmur ghand l-attrici bhala restituzzjoni ta' fondi parafernali taghha. Skont il-konvenut l-attrici kienet taccetta dan l-ammont minflokk LM8,000 purche' tigi liberata minn kull responsabilita' dwar il-hlas tal-bilanc tad-dejn dovut lill-APS Bank Limited. Id-dejn kien jammonta ghal LM70,000 u l-konvenut ma accettax din il-proposta.

Il-konvenut kien qieghed f'negozjati mal-Bank of Valletta plc biex id-dar residenza tieghu fil-Gharghur ma tinbieghx bis-subbasta. Id-dar tippartjeni lil wahda mill-kumpaniji tal-konvenut, l-oqsma ta' din s-socjeta' kienu fil-maggior parti jippartjenu lill-ulied tal-partijiet u f'minor parti lill-komunjoni tal-akkwisti. Id-dejn fuq din id-dar kien ta' LM110,000.

Martu kienet tikri appartament minghand wiehed mid-diretturi ta' Grech & Co Limited fejn kienet impjegata, bil-kera ta' £LM175 fix-xahar.

Il-konvenut ikkonferma li anke sena qabel l-attrici telqet mid-dar, fil-5 ta' Lulju 2000, kellhom problemi finanzjarji u kienu jghixu unikament mis-salarju tal-attrici.

Il-konvenut jghid li l-attrici wara li kienet dahlet fid-dar matrimonjali meta hu ma kienx hemm, kienet hadet diversi oggetti, anke mobbli propjeta' tal-konvenut, minghajr il-kunsens tieghu u bieghethom u hu qatt ma gie ikkumpensat.

L-attrici kienet hadet ukoll pussess ta' vettura li kienet registrata f'isem wahda mill-kumpaniji u ttrasferita lil George Grech, wiehed mid-diretturi ta' Grech & Co. Limited.

Hu jghid li mhux minnu li l-impieg ta' martu hu 'part time'billi ddum ferm izjed u allega li l-attrici ma turix il-veru introjtu taghha. Kienet ukoll issiefer regolarment, igib il-hwejjeg u tbieghhom bi profit ta' 200% jew 300%.

Il-konvenut jghid li l-attrici wirtet somma flus minghand qarib taghha, Edwin Henry Moon u ghalhekk kienet f'posizzjoni li tixtri l-appartament fejn toqghod, Flat 15, Verdala Court, St George's Park, St Julian's. Jghid li f'Awwissu 2002 marret il-Kanada biex taccetta dan il-wirt u hu ma messu xejn minn dan il-wirt.

Dwar dan l-attrici xehdet li l-appartament kien xtrah iz-ziju taghha l-Perit Maurice Captur.

Il-konvenut jinsisti li ghalkemm martu kellha il-flus hi qatt ma ikkontribwiet ghall-hlas tad-dejn tal-komunjouni.

Hu jghid li billi ma ghandux mezzi sufficjenti biex jghix m'ghandux jigi kkundannat ihallas manteniment ghat-tfal. Hu jghid li hu gustifikat jippretendi manteniment minghand martu.

Fl-affidavit ulterjuri tieghu, l-konvenut ikkonferma li ltaqa' ma' l-attrici meta hi kellha madwar 18 il-sena u hu kien digja mizzewweg ma' Judy Bugeja u kellhom zewgt itfal, Krista u Kristoff. Hu kien ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni u eventwalment iz-zwieg kien gie dikjarat null. F'dan iz-zmien miet missier l-attrici u spiccat wahedha billi ommha kienet gia' mietet.

L-attrici kienet tahdem mal-UCIM Co u ma kellhiex karozza u billi t-tnejn kienu joqghodu tas-Sliema l-konvenut kien jghaddi ghaliha u jwassalha lura d-dar. Hu kien ghadu mizzewweg mal-ewwel mara, li habta u sapta ghamlitlu kawza ta'

separazzjoni.  Hu jghid li l-attrici kienet il-kawza tat-tifrik tal-ewwel zwieg tieghu.

Hu ma riedx ikollu tfal mal-attrici peress li diga' kellu, pero' l-attrici ghamlet pressjoni fuqu u kellu jaccetta.  Hu jghid li l-attrici ghandha karattru possessiv u difficli hafna u kienet tindahal anke fi kwistjonijiet li kien ikollu mal-ewwel mara tieghu, Judy Bugeja.

F'dak iz-zmien hu kien jghix mal-attrici b'mod irregolari f'razzett fil-Maghtab. Jghid li l-attrici kienet theddu li jekk ma jizzewgux kienet titlaq bit-tifla taghhom, EC. Skont il-konvenut huma zzewgu ghax tant ghamlet pressjoni fuqu l-attrici.

Il-konvenut jinsisti li l-propjeta' 'Tal-Kurrier' Main Street ,Gharghur kienet propjeta' parafernali tieghu billi kien xtraha minghand Marco Coppini bhala 'unconverted farmhouse' bil-prezz ta' LM8,000 (€18,634.99). Kellha bzonn certa spejjez biex tkun abitabbli, li saru mill-konvenut li ma kienx tant mghaggel biex jlestihom izda mhux ghax kien nieqes mill-flus. F'dak iz-zmien hu kien ghadu impjegat bhala 'credit controller' mal-UCIM Co, izda hu kien jaghmel ukoll negozju ghar-rasu ta' vetturi godda u second hand.

F'dak iz-zmien hu kien ghadu ghaddej bil-proceduri ta' separazzjoni ma' Judy Bugeja, u jghid li nghata l-parir minghand il-Professur Mamo li l-propjeta' tinxtara minn persuna fdata, biex wara li jkunu konkluzi l-proceduri ta' separazzjoni tigi trasferita fuqu.  L-attrici f'dak iz-zmien kienet tghix mieghu u hu jghid li sar kien bi ftiehim maghha. Hu jghid li kien hallas d-depozitu akkont tal-prezz fuq il-konvenju li sar quddiem in-Nutar Vella, illum mejjet.

Wara li kien issepara legalment minn ma' Judy Bugeja l-konvenut mar ghand n-Nutar Grech Trapani biex issir it-trasferiment ghal fuqu. In-Nutar kien gharfu li tali kuntratt kien jinvolvi hafna spejjez u taxxi u ghalhekk ippropona li jigi kkreat cens perpetwu favur il-konvenut, skont il-konvenut kellu l-ghazla li jew ihallas lill-attrici £M200 fis-sena bhala cens perpetwu jew jaghmel pagament ta' darba lill-attrici fl-ammont ta' LM2,000. Hu jghid li kkumpensa lill-attrici billi xtralha

karozza Fiat Panda li kienet tiswa LM4,500 u xtralha gakketta tal-'mink li kienet tiswa xi 2,000 Deutsch Mark. Dawn nxtraw qabel ma zzewgu l-partijiet. Il-konvenut jghid li ghalhekk il-propjeta' daret ghal fuq ismu.

Id-dar kienet giet trasferita f'isem socjeta' kummercjali tal-konvenut, Ta' Kra Holdings Limited, li fiha kien hemm bhala azzjonisti t-tfal tal-partijiet beix jigu eskluzi t-tfal li kellu l-konvenut mill-ewwel zwieg. Hu jghid li dan sar fuq insistenza tal-attrici u sar permezz ta' sub-cens.

Il-Pert Legali, korrettement irrelevat li ebda kuntratt ma' gie ezebit fil-kors ta' dawn il-proceduri.

Il-konvenut jghid li minhabba il-fatt li l-attrici kellha xi negozju ma' certa Louise Zerafa, hu kien jkollu jitraskura xi ftit mix-xoghol tieghu biex jiehu hsieb it-tfal li kellhom tlett snin u sitt snin rispettivament. L-attrici u l-business partner taghha kienu jahdmu bl-isem ta' 'Galu Trading', fethu hanut ghal xi sentejn fi Triq Manuel Dimech, Sliema u kienu jbieghu hwejjeg li kienu jgibu minn Catania. Hu jghid li l-attrici zammet il-profitti ghaliha, u l-familja qatt ma gawdiet minnhom u damet f'dan x-xoghol minn 1993 sas-sena 2000.

Fl-istess zmien hu kien ihallas lill-attrici LM600 fix-xahar biex tixtri l-ikel u thallas is-sefturi. Il-konvenut kien ihallas il-kontijiet kollha hu, hwejjeg, dawl u ilma u spejjez ghall-edukazzjoni tat-tfal.
Skont il-konvenut, l-attrici ghamlet xi tlett snin tghallem l-Ingliz lil studenti barranin u qatt ma ikkontribwiet ghall-ispejjez tal-familja.

Il-konvenut tilef il-flus meta ddecieda, kontra il-parir tal-avukat u l-accountant, li jassocja ruhu f'negozju mal-kumpanija Testing Limited. Hu haseb li seta' jsalva din il-kumpanija, izda tilef dak li kien investa fiha. Kellu ghalhekk jerga' jibda mill-gdid b'Kurrier Holdings Limited, li kienet taghmel 'electrical and mechanical contracting', Kurrier Developments Limited, li kienet timporta 'electrical and mechanical products' u Earthshield Environmental Products (Malta) Limited, li kellha negozju ta' prodotti ambjentali.

Fis-sena 1999, in-negozju tal-konvenut falla kompletament u kienu silfuh xi flus hutu, Kathleen Borg Olivier u Paula Mompalao dePiro.

Kellu jissellef minghand il-familjari tieghu biex ihallas l-arretrati tal-manteniment tat-tfal fil-pendenza tal-appell minn decizjoni tal-Magistrat Joseph Apap Bologna tal-24 ta' Gunju 2005, biex is-sentenza tigi riformata minn wahda ta' detenzjoni. Dwar il-gojjelli tal-attrici, l-konvenut iddikjara li kien irceva telefonata min Mark Camilleri tal-Atlas Insurance li kien infurmah li l-attrici kienet ghamlet 'claim' ta' LM12,000. Il-konvenut ma kienx jaf b'din il-claim u meta mar iffittex fil-'jewellery box' tal-attrici, l-oggetti kienu hemm. Hu ghalhekk infoma lil Mark Camilleri biex ma jkomplix jiehu azzjoni fuq din il-claim.

Fil-fatt, la Mark Camilleri u lanqas rapprezentant iehor tal-Atlas Insurance ma xehdu dwar dan l-incident.

L-attrici meta saret taf b'dan iddecidiet li tnehhi l-'jewellery box' mid-dar u ikkonsenjat xi items lil habiba taghha, Silvana Coster, u ohrajn lil-kugina taghha Vicky Camilleri.

Il-konvenut semma kaz iehor meta martu talbitu karozza u ddecieda li jikkuntentaha billi kienet taghmilu hajtu infern. Wahda mill-kumpaniji tieghu kellha tiehu minghand Mizzi Group, u ftiehem li l-valur tal-karozza jitnaqqas mill-ammont li kellu jiehu. L-attrici ghazlet karozza Citroen ZX bil-valur ta' LM8,600. Hu jghid li minn wara dahru l-attrici ipperswadiet lill-impjegati tal-istess group biex il-vettura tkun registrata f'isimha ghalkemm inxtrat minn fondi ta' Kurrier Holdings Limited. Pero' anke dwar dan il-kaz ma saret l-ebda prova dwar ir-registrazzjoni ta' din il-vettura.

Il-konvenut semma l-episodju ta' Lulju 1997, fejn allega li l-attrici marret Gatwick Londra biex taghmel abort u li l-attrici kienet qaltlu b'dan.

Hu jghid li martu kienet tmur tajjeb mat-tifel tal-ewwel zwieg tieghu, Kristoff u li dawn kienu dejjem konfoffa kontrih. Kristoff kien bniedem difficli, skont il-konvenut darba dahal jisraq ghand il-genituri tal-istess konvenut. Sar rapport l-Ghassa tal-Pulizija f'Tas-Sliema pero' ma' ttiehdux passi kriminali kontrih fuq talba tal-familja B stess. Skont il-konvenut l-attrici kienet taf minn qabel dwar dan billi s-serqa saret meta l-genituri tal-konvenut ghamlu gurnata shiha ghand il-partijiet.

Fis-26 ta' Gunju 1998, Kristoff kien gie misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati li ppublika avviz fil-gazzetta 'The Sunday Times' biex ihabbar l-gherusija taz-zija tieghu Paula ma Julian Mompalao dePiro. Skont il-konvenut, l-attrici dakinhar harget biex tixtri l-gazzetta kmieni, haga li qatt ma kienet taghmel. Din kienet cajta da parti ta' Kristoff u l-konvenut jissusspetta li martu kienet taf b'kollox.

Il-konvenut jikkontesta dak kollu li gie dikjarat minn Kristoff B fl-affidavit tieghu. Hu jghid li qatt ma kien fis-sakra fid-dar matrimonjali u qatt ma kien aggressiv fil-konfront tal-attrici u tal-istess Kristoff. Kien baqa' kalm meta gie infumat li Kristoff iddahhal l-Isptar mitluf minn sensih bl-effett tad-droga.

Hu jghid li ghamel snin shah jissoporti t-tixxwiex ta' martu man-nies dwaru u kienet tindimidah li z-ziju taghha, il-Perit Maurice Captur kien lest li jmantni lilha u lill-uliedha.

Il-konvenut jghid li hu mwegga' billi gie injorat minn uliedu, li kien ilu ma jarahom xi hdax il-sena min mindu pprezenta l-affidavit ulterjuri tieghu fit-18 ta' Dicembru 2011. Ma kienx jigi nfurmat dwar il-progress skolastiku tat-tifel D, dan beda jsir jafu meta beda jikkorrispondi direttament mal-iskola.

Hu jghid li qatt ma' refa' idejh fuq martu jew fuq uliedu, anzi kienet l-istess attrici li kienet aggressiva mat-tfal.

Dwar l-incident tat-tifla EC, meta waqghet gholi ta' sular fil-gnien, hu jghid li lanqas kien hemm u sar jaf bl-incident mill-gardinar. Hu ddikjara li zgur ma kienx ser jopponi li t-tifla jaraha tabib.

Hu cahad ukoll li jixrob aktar minn normal, kemm meta ltaqa' ma' l-attrici, kif ukoll fil-kors ta' dawn il-proceduri.

Hu cahad li l-attrici kellha tissellef minghand il-Lombard Bank biex isiru x-xoghlijiet fid-dar matrimonjali. Hu jghid li kemm hu kif ukoll l-attrici kellhom investimenti mas-socjeta' finanzjarja ta' Joe B u li dawn gibduhom biex xtraw il-lancja cash. Din il-lancja inxtrat xi LM37,000 li parti minnhom thallas b'tpartit, il-bilanc ta' LM6,000 thallas mill-attrici li kienet gibdet xi investimenti bil-kondizzjoni li tohodhom lura meta terga' tinbiegh il-lancja. Hekk gara billi l-konvenut kellu jbiegh din il-lancja biex jaghmel tajjeb ghad-dejn li kellu mal-APS Bank. Il-konvenut jghid li l-attrici hadet dawn il-flus lura izda il-Bank kien naqsilha xi spejjez billi l-stess Bank kien hareg Mandat ta' Sekwestru kontriha.

Il-partijiet marru joqghodu fid-dar tal-Gharghur qabel izzewgu u l-konvenut uza l-istess dar bhala garanzija biex jinghata 'overdraft facilities' mill-Bank of Valletta u l-APS Bank ghall-kumpaniji li kien fetah qabel z-zwieg.

Il-konvenut cahad li hu kien kecca lill-martu erba' darbiet qabel ma hi telqet definittavament mid-dar u cahad li kien spara lejha. Hu kien nstab hati biss li kellu 'air rifle' minghajr licenzja. Hu cahad li qatt kien vjolenti ma martu u insista li hi kienet vjolenti mieghu meta darba tefghatlu borma mimlija zejt. Kienet tigriflu sidru u idejh u hu kien wera dan il-grief lil Joe Grech tal-BI Stores.

Hu kkoferma li kien iffirma il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu mal-Bank of Valletta fl-ammont ta' LM92,000 ghaliex ried jiffranka l-inkwiet mal-Bank.

Hu ddikjara li ma kienx jiftakar x'ghamel mill-facilita' ta' self ta' LM43,000 tas-socjeta' Earthshield Environmental Limited.

Hu kkonferma li kellu ‘overdraft’ mal-Bank of Valletta fl-ammont ta’ LM50,000 u parti minn dawn il-flus intuzaw biex jithalsu xi kontijiet li l-kumpanija kellha mal-Lombard Bank.

Il-konvenut xehed li Kurrier Developments Limited kienet hadet ‘overdraft’ mill-APS Bank fl-ammont ta’ LM50,000 u fl-istess zmien, fin-1997, kera l-imhazen fl-Imriehel ghal LM9,000 fis-sena. Il-kirja giet terminata billi fit-2002 u t-2003 ma hallax il-kera ghalkemm tardivament kien iddepozita l-kera fil-Qorti.

Dwar l-‘overdraft’ mal-APS Bank hu ddikjara li mal-ammont originali ta’ LM50,000 l-kumpanija nghatat kreditu addizzjonali ta’ LM15,000 ghal perjodu ta’ sena u kien ghalhekk l-APS Bank insista li issir kostituzzjoni ta’ debitu.

Dwar l-‘overdraft’ mal-Lombard Bank hu xehed li dan kien ‘personal overdraft account’ ma kienx jintuza ghan-negozju, izda ghall-bzonnijiet personali tal-partijiet. Bejn Settembu1996 u Settembru 1998 nefaq madwar LM 31,000.

Hu jghid li l-attrici kellha tkun ‘Managing Director’ ta’ Kurrier Developments Limited, mentri hi minflokk marret tahdem ma’ Grech & Co. Ltd.

Il-kumpaniji Kurrier Holdings u Kurrier Developments fallew fin-1999, l-konvenut attribwixxa dan il-falliment lill-attrici billi din rrifjuat li tkun ‘Managing Director’ ta’ dawn il-kumpaniji u hu kellu jkn ic-‘Chairman’. Hu jghid li l-attrici rrifjutat dawn l-inkarigi billi riedet ‘carte blanche’ fuq il-flus.
Il-konvenut jghid li s-sid tal-UCIM Co l-Maggur Scicluna kien wissa lill-attrici li kien ser ikecciha jekk tibqa’ tohrog mal-konvenut, jghid li dan sar fuq insistenza tat-Tabib Victor Captur li kien it-tabib tal-Maggur Scicluna. Fil-fatt l-attrici kienet eventwalment tkecciet u marret tahdem bhala receptionist ma’ ‘Black & Co.’

Il-konvenut jghid li z-zijiet tal-attrici ghamlu minn kollox biex hi ma’ tibqax tohrog mieghu.

Matul iz-zwieg, il-konvenut kien izzomm somom konsiderevoli ta' flus kontanti fis-'safe' li kellhom fid-dar matrimonjali; billi l-attrici kellha access ghal dan is-safe beda jissusspetta li meta l-attrici telqet permanentement mid-dar kienet xtrat l-appartament Flat 15 , Verdala Court, St George's Park, St Julians bil-flus li hadet minn dan is-safe billi hu jghid li sabu vojt.

Dwar dan pero' l-attici ddikjarat li l-appartament hu propjeta' taz-ziju taghha, l-Perit Maurice Captur.

Kathleen Borg Olivier, oht il-konvenut, fl-affidavit taghha mahluf fit-18 ta' Novembru 2003,[4] ikkonfermat li fl-ahhar sentejn qabel ipprezentat l-affidavit kien hemm okkazzjonijiet meta silfet xi flus lil huha minhabba c-cirkostanzi finanzjarji difficli li kien jinsab fihom, ftiehem bil-fomm bl-intendiment li jhallasha lura.

Hi kkonfermat li kienet taf li huha kien ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni personali u li t-tfal kienu qed jghixu ma' ommhom, A B sa mill-5 ta' Lulju 2000.

Paula Mompalao de Piro, oht il-konvenut, fl-affidavit taghha mahluf ukoll fit-18 ta' Novembru 2003,[5] ikkonfermat dak kollu li ddikjarat ohtha, Kathleen Borg Olivier u pprezentat affidavit identiku.

Kristoff B, bin il-konvenut mill-ewwel zwieg tieghu ma' Judy Bugeja, fl-affidavit tighu mahluf fit-18 ta' Dicembru 2003,[6] ikkonferma li minn dak li jaf hu stess, iz-zwieg ta' missieru ma' A B tkisser minhabba l-attitudini tal-istess konvenut u mhux minhabba dik tal-attrici li ghalih hi mara ezemplari. Hu ddikjara li l-affidavit ma' sarx biex jaghmel vendetta kontra missieru izda ghax xtaq jghid il-verita'. Hu kien ikun ta' spiss ghand il-partijiet u gieli anke raqad hemm ghalkemm hu ma kienx jghix hemm.

Hu ddeskriva lill-konvenut bhala bniedem difficli hafna u egoist, dejjem jara x'jaghmel biex jikkrea diffikultajiet lill-attrici. Missieru kien goff mal-attrici, kien

[4] Fol 124.
[5] Fol 125.
[6] Fol 128.

jwaddbilha hwejjigha u anke arlogg, fil-gnien biex jigu rovinati. Jiddeskrivi lill-konvenut bhala ragel kattiv u li jiehu gost iwegga' lill-familja tieghu.

Ix-xhud ikkonferm li xi sentejn wara li l-partijiet izzewgu l-konvenut beda jitraskura n-negozju u beda jixrobb hafna alkohol fl-eccess. Kien jixrob kulljum minn filghodu sa filghaxija. Missieru darba kien qal lill-attrici li jekk ma kellhiex bizzejjed flus kellha tixtri l-inbid ghalih minnflokk il 'Coca Cola' ghat-tfal D u EC. B'rizultat tax-xorb eccessiv il-konvenut kien sar aggressiv u vjolenti hafna, verbalment u fizikament, kemm mal-attrici martu, kif ukoll ma' uliedu. Kien iwerwirhom bit-theddid tieghu. Kien kontinwament jhedded lill-attrici li seta' jitfa'lilha u lill-uliedha 'l barra mid-dar.

Ix-xhud ikkonferma li kien jipprova jikkalma lil missieru u jghidlu li dawn l-affarjiet ma jsirux izda il-konvenut kien jirrispondi " Nigi nitnejjek mill-ligi! Jien naghmel li rrid ghax naf lill-Imhallfin u l-Magistrati".

Kristoff ikkonferma li EC u D kienu dejjem imwerwrin, u meta EC kellha tlettax il-sena ma kinitx tista' tikkoncentra fuq l-istudji taghha.

Kien hemm okkazzjoni meta Kristoff kien gej lura Malta mid-Dubai u kellu jmur jiekol ghand il-partijiet. Hu avzahom li kien ser ikun ftit tard u fil-fatt wasal nofs siegha tard. Meta wasal ghandhom missieru kien qed jixrob f'kamartu, niezel isfel u peress il-konvenut dam biex jinzel, bdew jieklu minnghajru. Meta l-konvenut ddecieda li jinzel irrabbja li bdew jieklu minghajru u beda jghajjat, ighajjar lill-attrici, jidghi u jitkellem baxx. Il-konvenut hareg fil-bitha, waddab it-tazza li kellu u mar igib 'revolver'(45 calibre) li kellu fl-armarju u rega' dahal fil-kcina u beda jipponta r-revolver f'sider l-attrici. Ix-xhud twerwer billi r-revolver kien iggargat u kien lest biex jispara. Kristoff qal lil hutu biex jmorru fil-gnien u hu pprova jikkalma lil missieru, izda dan beda jwaddab d-dixxijiet bl-ikel mal-art. Fetah il-fridge u beda jwaddab kollox fl-art. Meta l-attrici kienet wara l-konvenut, ir-revolver kien ippuntat fid-direzzjoni tieghu ukoll.

Ix-xhud u l-attrici talbu bil-hniena lill-konvenut sabiex inizzel ir-revolver, izda l-konvenut spara fid-direzzjoni tax-xhud. Il-'bullet' ghaddiet minn hdejn ix-xhud, laqtet il-mejda, laqtet il-hajt u wara taret lura lejn l-attrici.

Wara dan l-incident il-konvenut tela' fuq, qisu ma kien gara xejn. Ix-xhud cempel lis-CID. Imbaghad il-konvenut kecca lil kullhadd il-barra mid-dar bil-forza. L-attrici, in fatti kienet liebsa bl-hwejjeg ta' go d-dar u bil-papocc.

Ix-xhud ikkonferma li din ma kinitx l-unika darba li missieru kien uza ir-'revolver'. Kien hemm okkazjoni meta hu kien hareg mal-attrici u meta rritornaw d-dar, il-kelba ma kinitx hemm. Fil-kcina raw is-senter tal-kaccja tal-konvenut. Meta x-xhud staqsa fejn kienet il-kelba, l-konvenut irrisponda li kien qatilha ghax kielet pjanta fil-gnien. Il-familja kollha kienet thobb din il-kelba.

Ix-xhud ikkonferma li f'okkazzjoni ohra missieru kien spara fuq kelba ohra ghax kienet attakkat il-qattus tal-konvenut.

Ix-xhud ikkonferma li hutu, EC u D qalulu li l-konvenut gieli uza r-'revolver' biex jhedded lill-attrici. EC semmietlu incident meta l-konvenut taha daqqiet ta' ponn lill-attrici f'wiccha tant li beda niezel d-demm  ma' wiccha.

D kien qallu li l-konvenut darba tefa' lill-attrici 'l barra mid-dar bil-forza u heddidha b'sikkina tal-kcina ippuntata ma' ghonqha.

Kristoff ikkonferma li missieru kellu attegjament aggressiv hafna. Kien hemm diversi okkazzjonijiet meta l-konvenut jibda jkisser l-affarjiet ghalhiex ikun f'burdata hazina. Ommu, cioe' l-ewwel mara tal-konvenut, kienet tghidlu li missieru kien isawwatha. Darba l-konvenut kien mar ihabbat wara bieb omm x-xhud, u mit-tieqa indunaw li kellu pistola f'idejh. Omm ix-xhud bezghet tiftah lill-konvenut, u n-nanna tieghu kienet cemplet lill-Pulizija dwar dan l-incident.

Silvana Coster, fl-affidavit taghha mahluf fit-8 ta'Jannar 2004,[7] ikkonferma li kienet ilha taf lill-attrici billi kienu flimkien fis-Sixth Form u kienu hbieb. Lill-konvenut ilha tafu minn meta beda johrog mal-attrici.

Lill-konvenut tiddiskrivih bhala 'problem person' u 'compulsive liar' dejjem mohhu jikkreja 'image' biex jimpressjoni n-nies. Ma kien jirrispetta lill-hadd, lanqas lill-familja tieghu.

Darba kienet harget mal-attrici u xi nisa ohra fl-okkazzjoni tal-birthday tal-attrici. L-attrici kienet inkwetata ghax il-konvenut ma' kienx ried juriha kif titfi l-alarm tad-dar. Meta x-xhud wasslet lill-attrici d-dar billi l-konvenut ma kienx hemm, ma setghetx tidhol gewwa u ghamlet sat-tlieta ta' filghodu tistenna barra sakemm irritorna l-konvenut.

Darba ohra marret ghall-attrici u sabitha tibki ghax l-konvenut kien qalilha biex titlaq mid-dar bit-tarbija EC.

Qalet li l-attrici kienet iffirmat kuntratt mal-konvenut  fejn accettat li ma jkollha ebda dritt fuq dak li jaqla' hu waqt iz-zwieg, pero' ma rrizultax li gie pprezentat kuntratt tas-separazzoni tal-beni.

Meta il-partijiet kienu jmorru ghandha, il-konvenut kien jirrifjuta li jerfa' lit-tfal biex johodhom fil-karozza. Tghid li l-konvenut kien egoist u kiesah hafna.

Ix-xhud iddikjarat li t-tfal tal-partijiet kienu jifthu qalbhom maghha, kienu jghidulha li ma kellhomx fiducja f'missierhom, kien juza lingwagg baxx u vulgari u kellu attitudni vjolenti hafna. It-tfal kienu jibzghu jkellmuh billi kien dejjem jirrabbja u jaghmel ix-xenati.

Tiftakar okkazzjoni meta rat li l-attrici kellha mnehirha minfuh u blu. L-attrici kienet qaltilha li l-konvenut kien taha daqqa' ta' ponn. Wara dan l-incident l-attrici kienet hadet t-tfal ghandha biex tkun tista' taghmel xi qadjiet u nnotat li t-

[7] Fol 135.

tfal sakemm kienu qed jistennew lil ommhom kellhom tensjoni kbira. It-tfal kienu bdew jibku meta saru jafu li ommhom kienet marret tkellem lill-missierhom, huma bezghu li kien ser iwegga' lil ommhom.

Ix-xhud iddikjarat li kienet impressjonata bl-arroganza tal-konvenut meta l-attrici qaltilha li lanqas ried jiskuza ruhu mat-tfal.

Impressjonat ruhha ukoll meta t-tfal staqsewha jekk setghux ihallu l-pocket money id-dar taghha ghax missierhom kien jehodhomlhom.

EC kienet qaltilha li kienet torqod fit-tarag ghax kienet tibza li missierha jwegga' lill-ommha.

Darba l-attrici cemplitilha biex tghidilha li l-konvenut kien 'overdosed'. Wara din t-telefonata x-xhud rat lill-konvenut u n-neputi tieghu, Nikolai Borg Olivier jifthu l-grada ta' quddiem id-dar taghha. Il-konvenut beda jitkellem hazin, jidghi u jinsisti li l-attrici tirritorna mieghu. Ix-xhud wiegbet li l-attrici ma kinitx hemm u l-konvenut beda jirrabja u jhedded illi jhanxar ghonq martu. Beda jghajjat li ma kienx ser jiddejjaq jerga jidhol il-habs. Dan kollu sar fil-presenza tar-ragel tax-xhud u ta' Ray u Trisianne Zerafa.
Wara dan l-incident il-konvenut ma kienx ihalli lix-xhud tkellem lill-martu. Meta x-xhud kienet icempel id-dar tal-partijiet il-konvenut kien jaqtaghlha ghalhekk bdiet iccempel lill-attrici fuq ix-xoghol biex tara kienx kollox sew.

Hi tghid li l-attrici qaltilha li l-konvenut kien qed ikun ma' nisa ohra.

Ix-xhud iddikjarat li gieli rat lill-konvenut ibiegh ornamenti antiki b'irkant u dwar dan infurmat lill-attrici.

Alexander Cutajar, Manager ta' San Giljan Branch tal-Lombard Bank, xehed fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2004, mizmuma mill-Prit Legali.[8] Mir-ricerka li ghamel irrizultalu li kien hemm kont f'isem il-partijiet f'dak il-Branch, kont bin-

[8] Fol 340.

numru 01172400370. Hu exebixxa rendikont ta' 31 faccata markat Dok AC1. Ikkonferma ukoll li kien hemm erba Life Policies moghtija b'rahan fuq dan il-kont li kollha gew msarrfa. Sat-30 ta' Settembru 2004 l-ammont dovut lill-Bank kien £M5,973.40. Il-Poloz tal-Assikurazzjoni fuq il-hajja li issarfu kienu:

Polza mal-Prudential Assurance Company Limited f'isem il-konvenut, Dok AC2 li ssarfet fit-2 ta' Mejju 2002 fl-ammont ta' LM6,663.

Polza f'isem l-attrici, Dok AC3, imsarfa fil-21 ta' Awwissu 2000 fl-ammont ta' GPB19,642. Zewg poloz mal-MiddleSea Valletta Life Assurance Company Limited, Dok AC4 wahda bin-numru 4661, giet msarfa fil-25 ta' Marzu 2002, fl-ammont ta'£M1080 (€2515.72) u l-ohra bin-numru 4662, giet msarfa fl-20 ta' Gunju 2001 fl-ammont ta' LM2682.39.

Dawn l-ammonti kollha gew depozitati fil-kont imsemmi Dok AC1.

Giet ezebita ukoll kopja ta' Swift Transfer, Dok AC5 pagament ta'USD 2000 (LM803.85) li sar lil Evans and Smith Attorney fis-7 ta' Ottubru 1999 li sar mill-kont Dok AC1.

Robert Dimech, ghall-Lombard Bank, xehed fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2004, mizmuma mil-Perit Legali,[9] li b'refernza ghad-Dok AC5 ippresenta erba' dokumenti relattivi ghas-Swift Transfer, u ppprezenta rendikont aggornat tal-kont Dok AC1, li minnu jirrizulta li l-ammont dovut lill-Bank fis-6 ta' Dicembru 2004 kien ta; LM6,011.57.

Stephanie Critien, ghall-Borza ta' Malta,[10]li ukoll xehdet fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2004, ikkonfermat li ebda parti ma kellha kont mal-Borza ta' Malta, kif konfermat mill-ittra li ezebit markata Dok SC1.

---

[9] Fol 346.
[10]Fol 345.

Vivienne Rizzo, ghall-Bank Centrali ta' Malta, xehdet fl-istess seduta,[11]kkonfermat li bejn s-sena 1995 u s-6 ta' Dicembru 2004, l-unici trasferimenti ghall-esteru li saru mill-konvenut kienu fl-ammont ta' LM1,397. Hi kkonfermat ukoll li ma kienu saru l-ebda trasferimenti, fl-istess perjodu mis-socjetajiet Ta' Kira Holdings Limited, Kurrier Developments Limited u Kurrier Limited.

Samuel Nichol, ghall-APS Bank Limited, xehed fl-istess seduta,[12] kkonferma li ma' kien hemm l-ebda kont f'isem l-konvenut wahdu jew ma terzi, jew f'isem Kurrier Limited jewTa' Kra Holdings Limited.

Dwar Kurrier Developments Limited, kien hemm Dok SN1 kint kurrenti numru 11666730014, sat-23 ta' Novembru 2004 il-bilanc dovut lill-Bank kien ta' LM76,571.69 (€178,364.05); u Dok SN2 rendikont ta' kont kurrenti numru 11666730025, bejn is-16 ta' Lulju 1997 u t-30 ta' April 2001. L-ammont dovut lill-Bank hu ta'£M30,069.88 (€70,043.98).

Maria Theresa Busuttil, ghall-Bank of Valletta plc xehdet fis-seduti tas-6 u tal-10 ta' Dicembru 2004.[13]Dwar is-socjeta' Kurrier Holdings Limited ipprezentat, Dok MTB1 Rendikont ta' Contigent Account numru 16304687087 bejn it-28 ta' Gunju 1998 sat-30 ta' Settembru 2000 bil-bilanc ta' LM514.00 dovut lill-Bank. Ir-rendikont aggornat, Dok MTB16 sal-10 ta' Dicembru 2004 juri bilanc dovut lill-Bank fl-ammont ta' LM520.

Dok MTB2 Rendikont ta' Overdraft Account numru 16304687113 mis-6 ta' Settembru 2000 sal-31 ta' Dicembru 2003 li juri bilanc ta' £M 340.06 dovut lill-bank. Ir-rendikont aggornat sal-10 ta' Dicembru 2004, Dok MTB15 juri bilanc dovut lill-Bank fl-ammont ta' LM347.27.

Dok MTB3 Kont kurrenti numru 16304687090, bir-rendikont mit-30 ta' Marzu 1996 sat-30 ta' Gunju 2004 li juri bilanc ta' £M2.08 dovut lill-Bank.

---

[11]Fol 345.

[12] Fol 347.

[13] Fol 349 u 351.

Dok MTB4 Loan Account numru 36304687012 bir-rendikont mill-10 ta' Gunju 2000 sal-31 ta' Dicembru 2003 li juri bilanc ta' £M 23,546.37 dovut lill-Bank. Ir-rendikont aggornat sal-10 ta' Dicembru 2004, Dok MTB17 juri bilanc favur il-bank ta' LM25,290.56.

Dok MTB5 Loan Account numru 40010690363, rendikont mill-31 ta' Dicembru 2001 sal-31 ta' Dicembru 2003 li juri bilanc dovut lill-Bank ta'LM77,905.54. Rendikont aggiornat sal-10 ta' Dicembru 2004, Dok MTB17 juri bilanc favur il-Bank ta' LM83,674.56.

Il-partijiet kellhom zewg kontijiet kongunti:

Dok MTB6 Loan Account numru 36302242019, rendikont mill-10 ta' Lulju 2000 sal-31 ta' Dicembru 2003 li juri bilanc ta' £M968.57 dovut lill-Bank. Ir-rendikont gie aggornat sat-12 ta' Gunju 2004, DokMTB13 li juri bilanc ta' LM1,053.97 dovut lill-Bank.

Dok MTB7 hu Consumer Overdraft numru 40010251100, rendikont mill-1 ta' Ottubru 2000 sat-30 ta' Gunju 2004 li juri bilanc ta' LM665.80 dovut lill-Bank. Irrizulta li kien hemm erba' kontijiet f'isem is-socjeta' Earthshield Environmental Products Limited:

Dok MTB9 Loan Account numru 36307337026, rendikont mill-10 ta' Gunju 2000 sal-31 ta' Dicembru 2003 bil-bilanc ta' LM44,993.33 dovut lill-Bank;

Dok MTB10 Loan Account numru 36307337013 li hu maghluq pero' hemm bilanc ta' LM22.60 dovut lill-Bank.

Dok MTB11 Overdraft Account numru 16307337020, rendikont mis-6 ta' Settembru 2000 sat-30 ta' Gunju 2004 li juri bilanc ta' LM243.24 dovut lill-Bank.

Dok MTB12 Overdraft Account numru 16307337012. Il-kont jinsab maghluq u l-ebda ammont ma hu dovut lill-Bank.

Lis-Spettur Carmelo Magri xehed fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2004, mizmuma mill-Perit Legali.[14] Hu kkonferma li kien jaf lill-partijiet u li kien hemm incident fid-dar taghhom fejn kellha tintervjeni il-Pulizija. Kienu ttiehdu proceduri kriminali kontra l-konvenut li kien gie akkuzat b'attentat ta' qtil ta' Kristoff B billi spara fid-direzzjoni tieghu. Il-konvenut kien instab hati ta' xi akkuzi izda kien gie liberat mill-akkuza ta' attentat ta' qtil. L-arma li kien spara biha kienet licenzjata pero' ma kienx jaf jekk l-arma gietx ikkonfiskata.

Fl-incident tal-isparatura hu kien mar fuq il-post immedjatament, il-konvenut kien jidher eccitat izda ikkollabora mieghu.

Hu kien kellem lill-attrici u lil Kristoff B barra d-dar ghax il-konvenut ma ried lil hadd gewwa d-dar.

Hu kkonferma li l-isparatura kienet fil-kcina billi l-mejda kienet migrufa bit-tir u kien hemm xi hsara fuq xi ghamara ohra.

Wara l-incident il-konvenut kien ghamel rapport li l-attrici kienet dahlet f'daru bla permess u hadet xi ghamara.

Hu kkonferma li kellu rapporti ohra li kienu jinvolvu lill-partijiet. Hu kien jintervjeni b'mod mhux ufficjali, billi kellu diversi telefonati mal-partijiet biex ma jkompliex jikber id-disgwid bejniethom.
Il-Perit Legali, fir-relazzjoni taghha mahlufa fil-15 ta' Novembru 2016, waslet ghall-konkluzjnijiet segwenti:[15]

1. Is-separazzjoni personali tal-partijiet ghandha tigi dikjarata ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut li rrenda ruhhu hati ta' eccessi u mohqrija fil-konfront ta' martu.

[14] Fol 342.
[15] Fol 1190 sa 1194.

2. Ma hemmx lok li jinghata xi provvediment dwar il-kura u kustodja tat-tfal billi dawn huma illum maggorenni.
3. Il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attrici arretrati tal-manteniment tat-tfal EC u D l-ammont ta'€9320.
4. Ghandhom japplikaw fil-konfront tal-konvenut id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48,51,53 u 54 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta bl-eskluzjoni tal-Artikolu 48(1)(d), stante l-eccessi u l-mohqrija minnu kommessi, u stabilit d-data tas-17 ta' Jannar 1999 bhala d-data meta l-konvenut rrenda ruhhu hati tal-firda.
5. Elenkat l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, para 5, u pproponiet divizjoni tal-istess.[16]
6. Il-konvenut ghandu jirritorna lill-attrici l-effetti mobbli indikati fil-paragrau 6.[17]
7. Li l-attrici ma ghandhiex tigi awtorizzatatghix fid-dar matrimonjli ad eskluzjoni tal-konvenut, billi stabbiliet residenza alternattiva u billi d-dar matrimonjali tappartjeni lill-terzi.

Dwar it-talbiet tal-konvenut fil-kontrotalba tieghu, l-Perit Legali kkonkludiet li ghandhom jigu michuda l-eccezzjonijiet tal-attrici in kwantu inkompatibbli ma dak deciz dwar t-talbiet taghha, u dwar t-talbiet tal-konvenut fil-kontrotalba ddisponiet dwarhom konsistentement ma dak deciz dwar t-talbiet attrici.

Il-Perit Legali xehdet in eskussjoni quddiem il-Qorti fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2017.[18] Dwar it-talba tal-attrici li hallset dejn tal-komunjoni meta issarfet l-assikurazzjoni fuq il-hajja taghha u bir-rikavat ta'GBP19,642 thallas il-Lombard Bank biex d-dejn niezel ghal LM6,011.57 minn LM21,000, l-abbli Perit Legali rrilevat li ma saret l-ebda prova li din l-assikurazzjoni saret qabel iz-zwieg tal-partijiet, in oltre, fil-kont bankarju relattiv l-attrici hi indikata bhal A B u mhux b'kunjom xbubitha. Ghallhekk il-Perit Legali korrettement ikkonkludiet li fin-nuqqas ta'provi l-presnzjoni legali hi li din kienet tippartjeni lill-komunjoni u ma tistax titqies bhala parafernali tal-attrici. Ghalhekk ma hemmx il-htiega li jsiru aggiustamenti kif ippretendiet l-attrici.

[16] Para 5.1 et seq Fol 1192.
[17] Fol 1193.
[18] Fol 1206.

Dwar t-titolu ta' propjeta' fuq d-dar matrimonjali, l-Perit Legali rrilevat li ma gewx prodotti l-kuntratti relattivi.

Ghalkemm l-avukat tal-attrici fl-istess seduta talbet li tipprezenta l-atti pubblici relattivi, talba li giet milqugha, nghatat sat-8 ta' Gunju 2017 biex tipprezenta l-imsemija dokumenti, effettivament ma jirrizultax li dawn l-kuntratti gew ezebiti.

KONSIDERAZZJONIJET.
Responsabilita' ghas-Separazzjoni.

Il-partijiet izzewgu fid-29 ta' Lulju 1989. Ghandhom zewgt itfal, EC u D, li illum huma maggorenni. Il-konvenut qabel kien mizzewweg lil Judy Bugeja, u kellhom zewgt itfal, Kristoff u Krista, dan iz-zwieg kien gie dikjarat null.

Il-partijiet jaqblu li iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment u jaqblu li ghandha tigi dikjarata s-separazzjoni personali, ma jaqblux pero' minn minnhom ghandu jgorr l-htija tal-firda u reciprokament jakkuzzaw lil xulxin bir-resposabilita' tat-tifrik taz-zwieg taghhom.

Il-Perit Legali ddikjarat li " z-zewg kontendenti allegaw li l-parti l-ohra wettqet adulterju fiz-zwieg". Ghall-korrettezza jigi rilevat li fil-kaz tal-attici, ghalkemm fix-xhieda taghha hi ghamlet din l-allegazzjoni u semmiet zewg nisa partikolari b'isimhom, Deborah Azzopardi u Tanya Vella, fir-rikors guramentat taghha allegat sevizzi, eccessi , minacci u ingurji gravi, l-adulterju ma ssemmiex.

Fil-kaz tal-konvenut, fit-tieni premessa tal-kontrotalba tieghu, hu jallega l-adulterju ta' martu, kif ukoll jallega sevizzi, eccessi ,ingurji gravi,minacci, u abbandun tad-dar u l-hajja konjugali.

Fil-kawza fl-ismijiet " Rosina Micallef vs Angelo Micallef" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 1964, Imhallef Dottor Edoardo Magri ntqal:

" L-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indagni u presunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallux ebda dubbju f'min ghandu jiggudika".

L-attrici allegat li l-konvenut kien jiftahar maghha li kellu nisa' ohra. Il-habiba tal-attrici, Silvana Coster iddikjarat li l-attrici kienet qaltilha b'dan.

Kif intqal fid-decizjoni citata 'supra' s-semplici allegazzjoni ma hiex sufficjenti; il-provi jinhtieg li jkunu tali li ma jhallu l-ebda dubbju f'min ghandu jiggudika; jinhtieg li jkunu provi 'gravi, precizi u konkordanti'; certament ma saritx din it-tip ta' prova dwar l-allegat adulterju tal-konvenut. Dan apparti l-fatt li l-attrici ma inkluditx l-adulterju flimkien mal-allegazzjonijiet l-ohra, fit-tieni premessa tar-rikors guramentat taghha.

Il-konvenut jallega li f'Lulju 1997 l-attrici marret Londra biex taghmel abort. Hu jghid li t-tarbija ma kinitx tieghu ghax kien ilu xi hames xhur jew sitta li kellhom intimita' sesswali. Hu pprezenta kopja tal-passaport tal-attrici, Dok XT7, li turi ritratt u dettalji tal-attrici, timbri li jikkonfermaw li kienet Londra bejn is-17 u l-21 ta' Lulju 1997 u fuq din il-fotokopja kien miktub bl-idejn l-indirizz tal-British Pregnancy Advisory Services.

Kif korrettement ikkonkludiet il-Perit Legali, din l-prova wahedha ma hiex sufficjenti biex twassal ghall-konvinzjoni li l-attrici kkommettiet adulterju. Ma saret assolutament l-ebda verifka dwar minn kiteb dan in-notament, kif ukoll ma' saret l-ebda prova li l-attrici kellha xi relazzjoni extra maritali.

L-allegazzjoni tal-konvenut li l-attrici kkommettiet adulterju, ghalhekk ma tirrizultax.

L-adulterju apparti, irrizulta li l-hajja konjugali tal-partijiet kienet karatterizzata minn episodji u incidenti ta' eccessi, mohqrija, vjolenza u indifferenza da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu u uliedu; dan apparti l-presunzjoni, traskuragni u

inkompetenza tieghu fin-negozju b'rizultat li ghabba lill-familtu b'muntanja ta' dejn.

Fil-kawza fl-ismijiet " Caterina Agius vs Benedict Agius", citata ukoll mill-Perit Legali, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 1967 ntqal li:

" Il-ligi taghna tqieghed bhala mottivi li jiggustfikaw l-azzjoni, l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri".

Indubbjament l-incident l-aktar gravi u serju kien dak tas-17 ta'Jannar 1999, meta l-konvenut addirittura spara revolver fil-kcina tad-dar matrimonjali. Potenzjalment dan kien incident li seta' jkollha konsekwenzi tragici. Seta qatel lill-martu jew lill-ibnu Kristoff li kienu fl-istess kamra.

Il-Perit Legali dwar dan l-incident, ticcensura l-fatt li ma gietxipprezentata s-sentenza definittiva tal-proceduri kriminali li ttiehdu kontra l-konvenut dwar dan l-incident. Hi pero' korrettement tikkonkludi li x-xhieda tal-Ispettur Carmelo Magri, hi sufficjenti bhala prova u konferma ta' dan l-incident meta l-konvenut spara fil-kcina tad-dar matrimonjali fejn kienu prezenti martu u ibnu Kristoff.
Fil-kawza fl-ismijiet "Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Frar 1969 ntqal:

" biex jkun hemm mohqrija jehtieg jkun hemm mhux xi att izolat ta' xi daqqa waqt xi tilwima imma l-persistenza f'certa mgieba hazina li turi li l-konjugi ma jisthux jkomplu jghixu flimkien".

Fil-kaz in ezami, kif gia' gie rilevat, l-hajja konjugali tal-partijiet kienet karretterizzata minn incidenti vjolenti da parti tal-konvenut.

Kien hemm diversi incidenti ta'din in-natura, fosthom meta il-konvenut deffes ras bintu Krista fil-freezer; l-konvenut qabad hadida tal-moghdija tahraq u poggiha vicin wicc l-attrici; taha daqqa' ta' ponn f'wiccha, kif konfermat mix-xhud

Silvana Coster; u fil-5 ta' Lulju 2000 heddidha b'sikkina u kecca lilha u lill-uliedha mid-dar.

Fil-kawza fl-ismijiet " Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961, Imhallef Albert V Camilleri ntqal li:
"Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi".

Il-konvenut, ghalkemm ma jistax jikkontesta l-ovvju, cioe' il-fatt li tressaq u ittiehdu proceduri kriminali kontrih dwar l-incident tal-isparatura bir-revolver, jallega li qatt ma kien vjolenti ma martu u uliedu, li x-xhieda ta' ibnu Kristoff mhiex veritjera ghax ma ghandhomx relazzjoni tajba u li l-attrici abbandonat d-dar matrimonjali.

Naturalment il-partijiet qed reciprokament jakkuzaw lil xulxin bir-reponsabilita' tat-tifrik taz-zwieg taghhom.

Dwar il-konflitt fil-provi, fil-kawza fl-ismijiet "Farrugia vs Farrugia" deciza mill-PrimAwla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Novembru 1966 intqal:
" l-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabiltajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".

F'dan il-kaz m'hemmx dubbju li l-versjoni moghtija mill-attrici kif korroboarta minn diversi xhieda, hi dik l-aktar attendibbli.

Il-konvenut jallega li l-attrici abbandonat d-dar matrimonjali fil-5 ta' Lulju 2000; l-attrici tghid li hi u uliedha tkeccew mid-dar mill-konvenut. Apparti l-kwistjoni liema miz-zewg verzjonijiet, hi l-aktar attendibbli, dwar l-abbandun fil-kawza fl-

ismijiet " Jane sive Givanna Cordina vs Dr Albert V Grech et noe" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' jannar 1965 intqal:

" Biex l-abbandun jkun kawzali ta' separazzjoni hemm bzonn li (1) jkun ta' perjodu ta' almenu sentejn u (2) li jkun minnghajr giusta kawza".

Fil-kawza fl-ismijiet "Giuseppa Camilleri pro et noe vs Rocco Camilleri" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Novembru 1964 ntqal:

" L-essenza tal-abbandun tirrisjedi fil-persistenza u kontinwita' ta' wiehed jew wahda mill-konjugi illi jghixu apparti mill-konjugi l-ohra jew l-iehor, skond il-kaz, minghajr raguni tajba".

Irrizulta abbondantement li l-attrici kienet totalment gustifikata li titlaq definitivament minn dak l-ambjent ostili u insopportabbli ikkreat unikament mill-konvenut; anzi hu sorprendenti kif ma telqitx qabel.

Il-konvenut, ghalhekk hu unikament responsabbli ghat-tkissir ta' dan iz-zwieg u ghandhom jigu applikati kontrih 'in toto' l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48,51,53 u 54 tal-Kodici Civili (Kap 16).

Kura u Kustodja.

It-tfal tal-kontendenti, EC u D huma illum maggiorenni u ghalhekk ma hemmx lok li jinghata xi provvediment dwar il-kura u kustodja taghhom.

Manteniment.

Il-Perit Legali rrilevat li b'Digriet tat-13 ta' Frar 2004, moghti 'pendente lite' mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili l-konvenut kien gie ordnat ihallas lill-attrici s-somma ta' LM100 kull xahar bhala manteniment ghaz-zewg ulied.

L-attrici, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, ddikjarat li 'arbitrio boni viri' dan l-ammont hi ikkalkolat li hu ta' €35,000. Hi kkoncediet li l-konvenut hallas biss LM800 mill-ammont ta'£M1,300 li kien gie ordnat ihallas b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Il-Perit Legali wasslet ghall-konkluzjoni li l-ammont dovut mill-konvenut bhala arrettrati ta' manteniment ghat-tfal hu ta' LM4,000 cioe' €9,320.

Dwar manteniment ghall-istess attrici, l-Perit Legali kkonkludiet li din ma ghandhix tigi milqugha billi l-konvenut ma jahdimx u hi tahdem u hi kapaci tmantni liha nnifisha.

Dwar il-manteniment li l-konvenut qed jitlob mill-attrici, hi kkonkludiet li hu kien iddekada mid-dritt li jircevi manteniment minn ghand l-attrici.

Dawn l-konkluzjonijiet tal-Perit Legali dwar il-manteniment huma korretti u ghandhom jigu kkonfermati.

Id-Dar Matrimonjali.

Id-dar matrimonjali tal-partijiet kienet d-dar 'Tal-Kurrier', Triq il-Kbira, Gharghur. Mhux kontestat bejn il-partijiet li din d-dar kienet inxtrat qabel iz-zwieg f'isem l-attrici biex tigi eluza kull pretensjoni li seta' kellha Judy Bugeja, l-ewwel mara tal-konvenut. Skont il-konvenut, in-Nutar Grech Trapani kien qallu li biex il-propjeta' tigi trasferita f'ismu, kien hemm spejjez konsiderevoli u kien issugerixxa li issir koncessjoni enfitewtika.

Pero' kif korrettement irrelevat il-Perit Legali, ma gie ippresentat l-ebda kuntratt biex jigu determinati kwistjonijiet ta' titolu dwar din il-propjeta' u ghalhekk ma jista' jittiehed l-ebda provvediment dwar id-dar matrimonjali, salv li jibqghu impregudikati d-drittijiet tal-partijiet kollha interessati. Dan ukoll in vista tal-fatt li hemm proceduri pendenti, Cit Numru 1237/2007, in konessjoni mad-dar matrimonjali.

Din il-konkluzzjoni tal-Perit Legali hi ukoll korretta u ghandha tigi kkonfermata.

Komunjoni tal-Akkwisti.

L-abbli Perit Legali ghamlet l-osservazzjonijiet taghha dwar s-segwenti:

1. Kontijiet bankarji f'isem il-kontendenti.
2. Id-djun tas-socjetajiet kummercjali kostitwiti matul iz-zwieg.
3. Poloz tal-Assikurazzjoni.
4. Il-vetturi.
5. Gojjellerija.
6. Mobbli fid-dar matrimonjali.
7. Propjeta' Parafernali tal-attrici.
8. Kontijiet bankarji f'isem l-attrici.
9. Kontijiet bankarji f'isem il-konvenut.

Hi kkonkludiet li l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijeit kienet tikkonsisti f'dak elenkat fil-paragrafu 5 Fol 109 tar-relazzjoni,[19] u pproponiet divizjoni tal-istess bejn il-kontendenti fil-paragrafu 5.1 et seq tar-relazzjoni.[20]

Dan l-ezercizzju mill-Perit Legali sar b'mod korrett, hu metikoluz u ezawrjenti, u qed jigi addottat minn din il-Qorti.

DECIDE.

Ghal dawn il-mottivi din il-Qorti qed taqta' u tiddecidi l-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B u dan ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut li rrenda ruhhu hati ta' eccessi, sevizzi, minacci u mohqrija fil-konfront tal-attrici;

[19] Fol 1191.
[20] Fol 1192 u 1193.

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba tal-attrici dwar il-kura u kustodja tat-tfal minuri, EC u D billi dawn huma illum maggorenni;
3. Tilqa' in parti t-tielet talba tal-attici dwar it-talba tal-manteniment ghaliha u ghaz-zewg ulied minuri, billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' Euro disa' telef tlett mija u ghoxrin (€9320) bhala arrettrati ta' manteniment ghal ulied il-partijiet;
4. Tilqa' r-raba' talba tal-attrici u tordna li ghandhom japplikaw kontra l-konvenut 'in toto' id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kadici Civili (Kap.16);
5. Tilqa' il-hames talba tal-attrici, tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tiddikjara li din tikkonsisti f'dak elenkat fil-paragrafu 5, Fol 109 tar-relazzjoni peritali, u tordna d-divizjoni tal-istess kif indikat fil-paragrafu 5.1 et seq, Fol 110 u 111 tar-relazzjoni;
6. Tilqa' in parti s-sitt talba tal-attrici dwar r-restituzzjoni tal-beni parafernali u dotali taghha u tordna lill-konvenut jirritorna lill-attrici l-arlogg tad-deheb tad-ditta Audemars Piguet, tordna li l-kont bankarju 04456696 man-Natwest f'Londra ghandu jigi assenjat lill-attrici billi hu propjeta' parafernali tal-attrici provenjenti minn wirt, tordna lill-konvenut jirritorna lill-attrici c-curkett tal-gherusija f'terminu qasir u perentorju u fin-nuqqas l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-valur tal-istess okkorrendo bl-opera ta' Perit nominat ghal dan l-iskop.
7. Tichad s-seba' talba tal-attrici dwar l-awtorizazzjoni li tirrisjedi fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut billi l-attrici stabbiliet residenza alternattiva u billi, fin-nuqqas tal-produzzjoni tal-kuntratti relattivi, ma rrizultax t-titolu tal-istess propjeta' li tista' tippartjeni lill-terzi.

Tipprovdi dwar il-kontrotalba tal-konvenut billi:

1. Tilqa' in parti l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti pero' dan ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-istess konvenut;
2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba tal-konvenut dwar il-kura u kustodja tal-minuri EC u D ahwa B billi dawn huma illum maggorenni;
3. Tichad t-tielet talba tal-konvenut dwar il-manteniment u tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-dritt li jitlob manteniment minn ghand l-attrici;

4. Tichad ir-raba' talba tal-konvenut u tapplika kontra l-istess konvenut 'in toto' d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tistabilixxi d-data tas-17 ta' Jannar 1999 bhala d-data meta l-konvenut rrenda ruhhu hati tal-firda;
5. Tilqa' l-hames talba tal-konvenut tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti u diviza kif indikat 'supra' fil-hames talba attrici, u tinnomina lin-Nutar biex jippubblika kull att necessarju u lill-Avukat bhala kuratur ghal eventwali kontumaci;
6. Tichad s-sitt talba tal-konvenut billi rrizulta li l-effetti mobbili propjeta' tal-konvenut huma digja fil-pussess tieghu;
7. Tichad is-seba' talba tal-konvenut fejn talab li jigi awtorizzat jirrisjedi fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-attrici, billi hu kien unikament responsabbli ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg, u billi l-istess dar tista' tkun propjeta' ta' terzi u mhiex disponibbli ghall-partijiet.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**